MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 264/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Awwissu, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti ikkuntrattaw zwieg bejniethom fit-3 ta' Mejju,

1992 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok. JP1’;

Illi minn dan iz-zwieg, twieled tifel, senjatament X li twieled fit-27 ta’ Lulju 1992;

Illi sitt (6) snin ilu l-konvenuta B minghajr ebda raguni tajba jew gustifikazzjoni u bla ebda preavviz abbandunat lil zewgha u telqet mid-dar matrimonjali;

Illi minn dakinhar il-konvenuta ma rritornatx lura lejn id-dar matrimonjali u ma uriet l’ebda interess li qatt tirritorna, tant illi stabbiliet ir-residenza taghha fl-Ingilterra, flimien mat-tifel taghha X, li gie affidat lilha permezz ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, moghtija fit-18 ta’ Frar, 1998 illi kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok. JP2’, kif konfermata fl-appell mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fis-27 ta’ Marzu 1998, illi kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala “Dok. JP5”.

Illi permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Mejju 2005 u intavolata fir-registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta’ Gunju 2005 (Ittra Numru 591/05) (kopja taghha hawn annessa u mmarkata ‘Dok. JP3’), l-attur applika ghall-awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex ikun jista jipprocedi b’kawza ghall-firda personali minn ma’ martu B a bazi ta’ abbandun (Artikolu 41 tal-Kodici Civili – Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi permezz ta’ digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja) datat 17 ta’ Gunju 2005 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata ‘Dok. JP4’) l-attur gie awtorizzat jipprocedi b’din l-istanza;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1) Tiddeciedi u tippronunzja s-separatazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata hatja ghall-firda.

2) Tapplika d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) kontra l-konvenuta u favur l-attur.

3) Tiddikjara, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, x-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta, filwaqt illi jigu dikjarati propjeta’ unika ta’ l-attur dawk l-oggetti kollha, mobbli jew imobbli, li huma parafernali tieghu.

4) Tawtorizza lill-attur jirrisjedi fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenuta martu.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Victor Bugeja pprezentata fid-9 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissotometti eccezzjonijiet ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti sew.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta’ l-attur u ta’ omissis.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jaghmel numru ta’ talbiet wara li martu l-konvenuta telqet minn Malta wara li nghatat il-kustodja ta’ binhom permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-1998. Jidher li martu ghamlet biss talba biex tinghata l-kustodja u kura tat-tifel biex tkun tista’ titlaq minn Malta, liema talba il-Qorti laqghet. Ghalhekk baqa’ bejn il-partijiet biss kwistjonijiet patrimonjali.

Il-konvenuta ma ghamlet ebda kuntatt mall-kuratur u ghalhekk il-provi li hemm huma biss dawk ta’ l-attur u allura dawn m’humiex kontestati. Il-perit legali ssottometta li l-Qorti ghandha taderixxi ghat-talbiet attrici u l-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni.

**Il-Qorti ghalhekk tilqa’ t-talbiet attrici billi;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u tistabillixxi d-data tal-31 ta’ Marzu, 1998 a tenur ta’ l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta;**

**2. tapplika d-disposizzjonijiet kollha ta’ l-Artikolu 48 imsemmi fil-konfront tal-konvenuta;**

**3. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li l-oggetti li huma fid-dar matrimonjali huma proprjeta’ ta’ l-attur billi kien hu li**

**hadem sal-perjodu ndikat; l-attur huwa ukoll proprjetarju ta' kull kont bankarju miftuh wara d-data msemmija; kontijiet bankarju miftuha qabel dik id-data huma ko-proprjeta' tal-partjiiet f'ishma indaqs.**

**4. tawtorizzah jabita fid-dar konjugali msemmija fic-citazzjoni ad eskluzjoni tal-konvenuta.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuta izda l-attur ghandu provizorjament ihallas l-ispejjes u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------